# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 138/2016

**Il-Pulizija**

**(Spt. Jurgen Vella)**

**vs**

**Ganni Spagnol**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Ganni Spagnol, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 785547M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nNhar l-20 ta' Frar, 2015 u/jew zminijiet precedenti gewwa razzett bin-numru tal-permess D146 li jinsab gewwa l-Fortizza ta' San Anard f'Haz-Zabbar u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. Naqas li jahzen id-demel tal-bhejjem go fosos li ma jnixxux, koperti u ta' kapacita' sufficjenti biex jigbru l-awrina u hasil ghal milli inqas

hmistax-il jum bi ksur ta' regolament 5(4) tal-L.S 504.108 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm bhejjem go btiehi minghajrm a kienu koperti fil-hinijiet kollha kif xieraq bi ksur tar-regolament 11 tal-L.S. 504.108 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jzomm records adegwati u aggornati tal-gestjoni tal-azjendi, u naqas li jaghmilhom disponibbli ghall-ispezzjoni mid-Dipartiment meta intalbu bi ksur tar-regolament 12(1)(2) tal-L.S. 504.108 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Ukoll talli naqas milli jikkonferma mal-avviz ta' infurzar debitament mahrug direttorat responsabbli mill-agrikoltura, bi ksur tar-regolament 19 u 21 tal-L.S. 504.108;

5. Talli wkoll naqas milli jammetti u jhallas il-multa mposta mid-direttorat tal-Agrikultura f'ittra mibghuta fil-21 t'April, 2015 u dan bi ksur tal-artikolu 20(8) tal-L.S. 504.108;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 ta' Frar, 2016 li biha ma sabitx lill-appellat Ganni Spagnol hati u lliberatu minn kull akkuza;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata wara li tisma dan l-appell u minflok ssib lill-appellat Ganni Spagnol hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell tal-Avukat Generali u l-ewwel punt li jehtieg li jkun deciz minn din il-Qorti hija l-eccezzjoni sollevata mill-appellat fl-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017 per via ta' sottomissjoni orali dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell stante li meta l-atti kienu rinvjati lill-Avukat Generali mill-ewwel Qorti wara t-tlett ijiem tax-xoghol prevvist mil-ligi;

2. Skond l-artikolu 414 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tal-Magistrati, fuq talba bil-miktub tal-Pulizija mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xoghol mill-ghoti tas-sentenza, ghandha tibghat l-atti lill-Avukat Generali fi zmien tlett ijiem tax-xoghol minn dakinhar tat-talba. Skond l-artikolu imbaghad, l-Avukat Generali ikollu tmient ijiem tax-xoghol minn meta jircievi l-atti biex jintavola appell. Is-sentenza appellata inghatat fl-24 ta' Frar, 2016. It-talba tal-Pulizija saret fl-1 ta' Marzu, 2016, igifieri entro z-zmien stabbilit. L-atti izda intbaghtu mill-Qorti tal-Magistrati lill-Avukat Generali ferm wara l-4 ta' Marzu, ghaliex intbaghtu fit-8 ta' dak ix-xahar. L-appell tal-Avukat Generali imbaghad kien registrat fiz-zmien tmien ijiem tax-xoghol fit-18 ta' Marzu 2016 b'dikjarazzjoni li l-atti kienu minnu ricevuti fit-8 ta' Marzu kif titlob il-ligi. Ghalhekk bla dubju kien hemm nuqqas da parti tal-Ewwel Qorti li tibghat l-atti lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-ligi;

3. Dan izda ma huwa ta' ebda konsegwenza la darba l-appell tal-Avukat Generali kien registrat fi zmien tmient ijiem tax-xoghol. Kif deciz minn din il-Qorti diversament preseduta, fost ohrajn fl-appell Il-Pulizija vs James Barbara fis-17 ta' Jannar 2013 u dak qablu, il-Pulizija vs Charles Micallef tal-10 ta' Dicembru, 1990, fl-inosservanza

ta' dawn it-termini, l-Avukat Generali m'ghandux ibghati minn nuqqas ta' haddiehor basta li jkun intavola l-appell tieghu fi zmien li trid il-ligi. Dan japplika biss fil-kaz bhal dak odjern izda mhux fil-kaz meta il-Pulizija tippekka mit-terminu ta' erbat ijiem li fih ghandha tirregistra t-talba bil-miktub li fi hsiebha tappella, liema terminu huwa fatali u jgib mieghu bhala konsegwenza n-nullita' tal-appell tal-Avukat Generali. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tkun respinta;

4. Kwantu ghall-mertu, li jidher li hu bazat fuq l-apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-ligi mill-Ewwel Qorti, l-appellant iressaq diversi argumenti kontra r-ragunament tal-Qorti tal-ewwel grad li waslet biex tillibera lill-appellat u ghalhekk din il-Qorti ghaddiet biex tisma lil dawk ix-xhieda li ddeponew fil-prim'istanza la darba d-deposizzjoni taghhom ma kienitx registrata, izda dawn ix-xhieda ma deherux u l-prosekuzzjoni lanqas biss kellha riferta taghhom;

5. Skond il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2016 quddiem l-ewwel Qorti, ghall-prosekuzzjoni kienu xehedu Philip Camilleri u Dr. Justin Zahra. Fl-udjenza quddiem din il-Qorti tat-30 ta' Jannar, 2017 dawn ix-xhieda ma deherux u saru sottomissjonijiet mill-partijiet.

6. Minn ezami tal-atti jemergi illi l-prosekuzzjoni kienet indikat xejn anqas minn tmien xhieda li lkoll huma addetti mal-Ghammieri Farm. Minkejja dan, tnejn biss minnhom jirrizulta li xehedu quddiem l-Ewwel Qorti izda l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq lil dawn it-tnejn biex jinstemghu mill-gdid minn din il-Qorti. Din il-Qorti ghalhekk issa tinsab f'cirkostanza fejn ma tistax taghmel evalwazzjoni tal-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tara jekk, b'dawk il-provi, setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha. Jidher illi quddiem l-ewwel Qorti kien hemm tlett kawzi b'mertu simili li ukoll huma suggett ta' appell, igifieri dik kontra Saviour Mizzi 137/2016 u Anthony Manicolo 139/2016. Jista' jkun, ghalkemm dan mhux debitament registrat in atti, illi l-Ewwel Qorti semghet it-tlett kawzi flimkien u qieset id-deposizzjoni tal-istess

xhieda  bhala valida ghall-kawzi l-ohra.  Fl-appelli l-ohra, izda, ma xehed hadd dwar il-mertu;

7. Issa, l-appell tal-Avukat Generali huwa biss dwar r-ragunament tal-Ewwel Qorti li wassal ghall-liberazzjoni tal-appellat u mhu qed jallega ebda skorrettezza procedurali.  Minkejja il-gravita' ta' dak li bih huwa imputat l-appellat u l-importanza tal-kaz ghas-sahha generali tal-pubbliku, din il-Qorti, bhala Qorti ta' Appell, ma tistax taghmel apprezzament tal-provi jekk quddiemha ma ngiebet ebda prova u ma ddepona hadd, una volta li d-deposizzjoni tax-xhieda mhix traskritta in atti;

8.  Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.